Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu ħalli l-komunità internazzjonali tintrabat b'modi konkreti biex twaqqaf it-tortura u tiggarantixxi l-għajnuna lill-vittmi u lill-familji tagħhom.



**Qari:** Traduzzjoni tal-vidjo tal-Papa Franġisku dwar l-intenzjoni tiegħu għax-xahar ta' Ġunju 2023 [https://thepopevideo.org/](https://thepopevideo.org/)

*It-Tortura. O Alla tiegħi – it-tortura!*
*It-tortura mhix storja tal-passat. Sfortunatament hija parti mill-ħajja tagħna llum.*
*Kif inhu possibbli li l-kapaċità umana għall-moħqrija hija daqshekk enormi?*
*Jeżistu forom estremament vjolenti ta' tortura. Oħrajn huma forom aktar sofistikati bħal li tumilja lil xi ħadd, li ddallam is-sensi, jew iżomm f'detenzjoni massa ta' nies f'kundizzjonijiet tant inumani li jneżżgħu lill-persuna mid-dinjità tagħha.*
*Iżda din mhix xi ħaġa ġdida. Ejja naħsbu kif Ġesù nnifsu ġie ttorturat u msallab.*
*Ejjew inwaqqfu dan l-orrur tat-tortura. Huwa essenzjali li npoġġu d-dinjità tal-persuna l-ewwel u qabel kollox.*
*Inkella ma narawx il-vittmi bħala persuni, iżda jsiru "oġġetti", u għalhekk jistgħu jiġu ttrattati ħażin mingħajr ma nħossu ħniena għalihom, u b'hekk jew jinqatlu jew issirilhom ħsara psikoloġika u fiżika permanenti li tibqa' magħhom matul ħajjithom.*
*Ejjew nitolbu biex il-komunità internazzjonali timpenja ruħha b'mod konkret biex tabolixxi t-tortura u tiggarantixxi appoġġ lill-vittmi u lill-familji tagħhom.*

Mulej Ġesù, inti tħobbna ħafna.
Inti ġejt fid-dinja biex issalvana u biex taħfrilna dnubietna.
Lilek iddisprezzawk, waqqgħuk għaż-żufjett, u għaddewk biż-żmien.
Qlajt is-swat, ittorturawk u nkurunawk b'kuruna tax-xewk!
Min jaf x'uġigħ Mulej! Iżda int bqajt sieket
u batejt dik it-tortura kollha minħabba fina,
mingħajr ma kellek ebda ħtija.
Spiċċajt imdendel fuq salib u tajt ħajtek għalina.

Grazzi Mulej Ġesù ta' din l-imħabba kbira tiegħek
li għandek għall-umanità kollha.
Mulej, hija tassew ħasra li anke fid-dinja tallum,
kif qal il-Papa, għad hawn min qed ibati t-tortura,
min qed jkun umiljat, ittradut, abbandunat
u mdendel ma' slaleb oħra moderni.
U għalhekk Mulej Ġesù, qed terġa jkollok
taqla' s-swat, tiġi ttorturat, iġġorr is-salib u tissallab mill-ġdid.
Nitolbuk, Mulej, biex iddawwal lill-gvernijiet
biex jipproteġu lill-vittmi kollha tat-tortura fiżika u psikoloġika.
Agħmel li kull min hu fil-poter jiftakar li l-bnedmin kollha
jiffurmaw flimkien umanità waħda,
u għalhekk il-vjolenza kontra kwalunkwe persuna tkisser din l-umanità.
Għinna, Mulej, nitolbuk, biex aħna bħala komunitajiet Insara,
nagħrfu li ma nistgħux indawru wiċċna,
u nħarsu x'imkien ieħor, daqs li kieku mhu qed jiġri xejn.
Għinna biex nifhmu li t-tortura tbiddel lill-bniedem
u tittrawmatizzah, minħabba dak kollu li jgħaddi minnu,
u li din l-esperjenza kerha tkompli taffettwah għal bosta snin wara,
jekk mhux għall-ħajtu kollha.
Nitolbuk, Mulej, sabiex il-vittmi tat-tortura
jkunu kapaċi jfittxu s-sapport u jaċċettaw l-għajnuna.
Jalla jagħrfu li minkejja li t-triq hi twila u diffiċli ħafna
biex jeħilsu mill-ħolm imkexkex
li jqajjimhom imxarrbin għasra bil-lejl,
u mill-biża' u t-twerwir li jibqgħu jħossu anke meta jinħelsu,
dan ikun possibbli bl-għajnuna tiegħek
u ta' dawk li joffru s-sapport tagħhom.
Għinhom, Mulej, ħalli jagħmlu l-kuraġġ
u ma jingħalqux fihom infushom,
ħalli jkunu jistgħu jaqbdu t-triq tal-fejqan.
Fuq kollox, Mulej, imliehom bl-għarfien u l-fiduċja
li l-fejqan hu possibbli.

**KANT**

**Qari**: *Diskors ta' Papa Franġisku mit-tieqa tal-Palazz tal-Arċisqof fi Krakovja l-Polonja fid-29 ta' Lulju 2016*

Filgħodu għafsa ta' qalb oħra: mort Auschwitz u Birkenau biex niftakar fit-tbatijiet ta' sebgħin sena ilu… Kemm tbatija u wġigħ ta' qalb; x'kefrija! Imma possibbli li aħna l-bnedmin, maħluqa xbieha ta' Alla, kapaċi nagħmlu dawn l-affarijiet? Dawn l-affarijiet saru. Ma rridx insewdilkom qalbkom, imma jeħtieġ ngħid il-verità. Il-kefrija ma ntemmitx ma' Auschwitz, ma' Birkenau: anki llum, illum qed jiġu ttorturati n-nies; tant ħabsin qed jisfaw ittorturati mill-ewwel, biex iġagħluhom jitkellmu… Terribbli! Illum għandna rġiel u nisa fil-ħabsijiet mimlija sa ruħ ommhom; qed jgħixu – skużawni l-kelma – bħal bhejjem. Din hi l-kefrija ta' żmienna.
Aħna ngħidu: Iva, rajna x'kefrija sebgħin sena ilu, kif kienu joqtluhom billi jisparawlhom, jew jgħallquhom, jew bil-gass. Imma tajjeb li niftakru li llum f'tant postijiet fid-dinja, fejn hemm il-gwerra, l-istess qed jiġri.
Ġesù ġie biex iġorr din ir-realtà fuq spallejh. Hu qed jitlobna biex nitolbu għal tant irġiel u nisa li llum qed jiġu ttorturati f'ħafna pajjiżi tad-dinja; għall-ħabsin imdeffsin kollha hemm, qishom kienu annimali. Tad-dwejjaq dan li qed ngħidilkom, imma din hi r-realtà.
Imma hi realtà wkoll, il-fatt li Ġesù refa' fuqu dawn il-ħwejjeġ kollha. Anki d-dnub tagħna.

Mulej Ġesù, inti għidtilna "Tassew, ngħidilkom,
dak li għamiltu mal-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi".
Mulej, inti ssejħilna biex ngħixu bħal aħwa.
Inti tixtieq li l-imħabba tiegħek għad-dinja
taħdem permezz tal-umanità kollha,
li tiġbed ħabel wieħed biex ngħixu lkoll flimkien,
u nieħdu ħsieb xulxin u nħobbu lil xulxim.
Agħtina d-dehen, Mulej, biex fil-laqgħat tagħna ma' xulxin,
nagħrfu f'xulxin id-dinjità tagħna bħala wliedek
u għalhekk ngħixu f'komunjoni ta' mħabba.

L-isqof Romero kien qal: "Min jittortura bniedem,
min jabbuża minn bniedem, min juża qilla ma' bniedem,
ikun qed jabbuża mix-xbieha ta' Alla,
u l-knisja tieħu bħala tagħha dak is-salib, dak il-martirju."
Għinna, Mulej, biex nifhmu, kif qal il-Papa Franġisku stess,
"Li tittortura lin-nies hu dnub mejjet. Huwa dnub gravi ħafna...
Li llum it-tortura għadha teżisti. Illum f'ħafna postijiet fid-dinja
fejn hemm il-gwerra, xorta jkun hemm it-tortura."
Għinna, Mulej, sabiex bħala komunità Nisranija,
nifhmu li aħna għandna l-obbligu li nagħmlu ħilitna kollha
biex il-komunità internazzjonali tintrabat b'modi konkreti
li twaqqaf it-tortura u tiggarantixxi l-għajnuna
lill-vittmi u lill-familji tagħhom.
Nitolbu fuq kollox, Mulej, għall-vittmi tat-tortura u l-familjari tagħhom.
Agħmel, Mulej li, bħas-sultan David, il-qaddej tiegħek,
huma wkoll ikollhom il-kuraġġ li jduru lejk,
ipoġġu t-tama kollha tagħhom fik u jkunu jistgħu jgħidu:
"*Mulej, qawwa tiegħi!*
*Il-Mulej blata tiegħi, fortizza u ħellies tiegħi,*
*Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,*
*qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi!*
*Insejjaħ il-Mulej, li hu ta' min ifaħħru,*
*u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi."* (Salm 18:2-4)
Fuq kollox, agħtina d-dehen, nitolbuk, biex nagħrfu li
aħna għandna d-dmir li nikkommettu ruħna
li ngħinu l-vittmi msejkna tat-tortura u l-familjari tagħhom,
bit-talb, bl-appoġġ tagħna favur min jaħdem
biex titwaqqaf it-tortura fil-pajjiżi kollha madwar id-dinja,
kif ukoll, b'għajnuna finanzjarja lill-organizzazzjonijiet
li jgħinu lil dawn il-vittmi tat-tortura.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nirringrazzjak tal-libertà li għandi, li nista’ mmur fejn irrid u nagħmel ħbieb ma’ min nixtieq; li nista’ nesprimi l-opinjonijiet u t-twemmin tiegħi bla biża’. Għinni sabiex fit-talb tiegħi niftakar f’dawk li qed jinżammu priġunieri u li qed jiġu ttorturati u li m’għandhomx din ix-xorti li għandi jien.

Nitobu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej għal dawk in-nies li ġew jew li qed jiġu ttorturati. Agħtihom il-kuraġġ biex jiftħu qalbhom għall-fejqan, ħalli jagħrfu li, minkejja li huma vittmi tat-tortura, huma fuq kollox uliedek u maħbubin minnek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex titwarrab il-kultura tad-dlam li fiha tiffjorixxi t-tortura. Agħti d-dehen, Mulej, lil min hu responsabbli għat-tortura ta’ tant nies, sabiex jiftħu qalbhom għall-konverżjoni u biex jitbiegħdu mid-dlam li jwassalhom biex ikunu daqshekk diżumani.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, dawwal lill-gvernijiet tal-pajjiżi tad-dinja sabiex jifhmu li huma għandhom jingħaqdu flimkien biex jabolixxu t-tortura bħala strument tal-istat jew tas-sistema ġudizzjarja. B’hekk huma jifhmu li dan ifisser li t-tortura mhux se tkompli ssir bil-moħbi, kif qed isir bħalissa f’ħafna pajjiżi, għalkemm jgħidu li t-tortura f’pajjiżhom hija llegali.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex timla bid-dehen il-qlub tal-umanità kollha sabiex ilkoll nifhmu li t-tortura hija simbolu ta' nuqqas kbir ta' rispett lejn il-ġisem u l-ispirtu tal-bnedmin u li m'għandhiex ikollha post fis-soċjetà tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.